Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0239(COD)

20.4.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) […] [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0558 – C10-0172/2025 – 2025/0239(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteurs: David Casa, Marit Maij

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 44

ANNESS: DIKJARAZZJONIJIET TA’ KONTRIBUT.....46

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) […] [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0558 – C10-0172/2025 – 2025/0239(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0558),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 164 u l-Artikolu 175(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0172/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati mressqa mis-Senat Ċek, mill-Bundesrat Ġermaniż, mill-Parlament Spanjol, mill-Parlament Portugiż u mis-Senat Rumen fi ħdan il-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità li jaserixxu li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta'…[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' …[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew ***bħala parti mill-Pjan ta’ Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [Pjan SNR]*** li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta’ kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034	li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta’ kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta’ Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti;	(1) Fis-17 ta’ Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti;

protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investiment fil-kapital uman u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, ***li jiżgura opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità għolja, protezzjoni u inklużjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal u fiż-żgħażagħ u aċċess għal servizzi bażiċi,*** u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. L-FSE huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li ***jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni*** tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. L-FSE huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li ***jinkludi l-kontenut tad-Deċiżjoni*** tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].
[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni	[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. ***Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.***	Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ***u diġitali***, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, ***iż-żieda fil-faqar u fil-faqar fost it-tfal,*** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti ***fil-ħiliet***	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti ***fi tranżizzjoni***

rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	***ġusta, inkluż billi trawwem l-innovazzjoni u tinvesti f'ħiliet*** rilevanti ***kif enfasizzat mill-Unjoni tal-Ħiliet***, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-	(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, ***taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi,*** tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi

isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.	tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-Boxxla għall-Kompetittività. Il-Boxxla tistabbilixxi perkors biex l-Ewropa ssir il-post fejn it-teknoloġiji, is-servizzi u l-prodotti nodfa futuri jiġu vvintati, manifatturati u introdotti fis-suq, filwaqt li tkun l-ewwel kontinent li jkun sar newtrali għall-klima. Tirrikonoxxi ħames faċilitaturi orizzontali għall-kompetittività, inkluż il-promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità, u tenfasizza li l-pedament tal-kompetittività tal-Ewropa huwa l-poplu tagħha. Biex tkun kompetittiva u lesta għall-futur, jeħtieġ li l-Unjoni tappoġġa u tħejji lin-nies tagħha bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-suċċess fl-apprendiment, fix-xogħol u fil-ħajja.	(7) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-Boxxla għall-Kompetittività. Il-Boxxla tistabbilixxi perkors biex l-Ewropa ssir il-post fejn it-teknoloġiji, is-servizzi u l-prodotti nodfa futuri jiġu vvintati, manifatturati u introdotti fis-suq, filwaqt li tkun l-ewwel kontinent li jkun sar newtrali għall-klima. Tirrikonoxxi ħames faċilitaturi orizzontali għall-kompetittività, inkluż il-promozzjoni tal-ħiliet u l-impjiegi ta' kwalità, u tenfasizza li l-pedament tal-kompetittività tal-Ewropa huwa l-poplu tagħha. Biex tkun kompetittiva u lesta għall-futur, jeħtieġ li l-Unjoni tappoġġa u tħejji lin-nies tagħha bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-suċċess fl-apprendiment, fix-xogħol u fil-ħajja. ***Sabiex tibqa' kompetittiva, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-ħaddiema jkollhom kundizzjonijiet u opportunitajiet ta' xogħol tajbin biex jikbru u jagħmlu progress fil-karrieri tagħhom.***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Barra minn hekk, fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni". Huwa vitali li jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku tal-ħiliet fl-iffaċilitar ta' tranżizzjoni b'suċċess lejn futur industrijali aktar nadif u aktar kompetittiv fl-Unjoni. L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja huwa essenzjali biex jixpruna l-innovazzjoni u javvanza d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità fl-industriji vitali. Din l-enfasi fuq it-tisħiħ tal-ħiliet hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni ta' tranżizzjoni ġusta u biex tiġi sostnuta u msaħħa l-kompetittività globali tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għar-riżorsi ambjentali u l-benefiċċji tagħhom mhuwiex imqassam b'mod ugwali fis-soċjetà kollha, kif inhuma wkoll il-perikli ambjentali u r-riskji għas-saħħa. Huwa aktar probabbli li jaqa' b'mod sproporzjonat fuq ***il-gruppi*** vulnerabbli.	(8) Barra minn hekk, fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni". Huwa vitali li jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku tal-ħiliet fl-iffaċilitar ta' tranżizzjoni b'suċċess lejn futur industrijali aktar nadif u aktar kompetittiv fl-Unjoni. L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja huwa essenzjali biex jixpruna l-innovazzjoni u javvanza d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità fl-industriji vitali. Din l-enfasi fuq it-tisħiħ tal-ħiliet hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni ta' tranżizzjoni ġusta u biex tiġi sostnuta u msaħħa l-kompetittività globali tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għar-riżorsi ambjentali u l-benefiċċji tagħhom mhuwiex imqassam b'mod ugwali fis-soċjetà kollha, kif inhuma wkoll il-perikli ambjentali u r-riskji għas-saħħa. Huwa aktar probabbli li jaqa' b'mod sproporzjonat fuq ***gruppi f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-"Pjan SNR") u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-	***imħassar***

Pjanijiet. L-FSE huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment raggrupat taħt il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) […][Ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fir-Regolament SNR u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati ***mill-Pjan SNR, inkluż l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati ***mill-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament***	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri ***ġew allokati pakkett finanzjarju dedikat*** għall-FSE ***biex jiġi żgurat programm awtonomu u separat għall-promozzjoni ta' konverġenza soċjali***

(UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. ***In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ*** livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. ***Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi*** speċifiċi ***oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR]***.

'l fuq, impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet indaqs, iggwidat mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. ***Mill-inqas*** livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, ***li*** jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali ***filwaqt li jitqiesu l-objettivi*** speċifiċi ***tal-FSE***.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-impjiegi, l-aċċess ugwali għal kulħadd għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità ***u l-mobbiltà*** tal-forza tax-xogħol. L-FSE jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-għoti ta' appoġġ lil persuni qiegħda u inattivi b'assistenza effettiva, f'waqtha, koordinata u mfassla apposta bbażata fuq appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ, titjib tal-	(13) Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-impjiegi, l-aċċess ugwali għal kulħadd għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità***, il-mobbiltà*** tal-forza tax-xogħol ***u l-inklużjoni soċjali***. L-FSE jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-għoti ta' appoġġ lil persuni qiegħda u inattivi b'assistenza effettiva, f'waqtha, koordinata u mfassla apposta bbażata fuq appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ, titjib

ħiliet u taħriġ mill-ġdid u aċċess għal servizzi abilitanti oħra, b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jew xokkijiet fis-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. L-FSE jenħtieġ li jkompli jiffoka fuq il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-kwistjoni ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u tat-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ rinforzata, li jenħtieġ ukoll li tappoġġa opportunitajiet ta' impjieg taż-żgħażagħ ta' kwalità. Barra minn hekk, il-FSE jenħtieġ li jkompli jinvesti f'ħiliet kruċjali għat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.

tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u aċċess għal servizzi abilitanti oħra, b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jew xokkijiet fis-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. ***Bħala element ċentrali tal-implimentazzjoni tiegħu, il-Fond Soċjali Ewropew jenħtieġ li ma jiffinanzjax attivitajiet li jimminaw id-drittijiet tal-ħaddiema jew jippromwovi forom ta' prekarjetà, b'rispett għall-istandards soċjali fundamentali.*** L-FSE jenħtieġ li jkompli jiffoka fuq il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-kwistjoni ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u tat-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ rinforzata, li jenħtieġ ukoll li tappoġġa opportunitajiet ta' impjieg taż-żgħażagħ ta' kwalità. Barra minn hekk, il-FSE jenħtieġ li jkompli jinvesti f'ħiliet kruċjali għat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-FSE jenħtieġ li jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi, inkluż it-tisħiħ tal-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza kemm tas-servizzi tal-kura tas-saħħa kif ukoll tal-kura fit-tul. L-FSE jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jeliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni u jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u	(15) ***Sabiex jiġi indirizzat il-livell persistentement għoli ta' faqar fost it-tfal fl-Unjoni, u f'konformità mal-prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jiddikjara li t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar u li t-tfal minn sfondi żvantaġġati għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex jittejbu l-opportunitajiet indaqs, jenħtieġ li l-Istati***

b’mod partikolari għal gruppi li huma sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi. Id-disponibbiltà ta’ servizzi affordabbli, sostenibbli u ta’ kwalità għolja bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura barra mill-iskola, l-edukazzjoni, it-taħriġ, u l-kura tas-saħħa u fit-tul, b’mod partikolari s-servizzi tal-kura tal-familja u dawk ibbażati fil-komunità, hija kundizzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-FSE jenħtieġ li jiżgura li kulħadd, inkluż it-tfal f’konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, ikollu aċċess għal servizzi essenzjali ta’ kwalità tajba. Il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b’diżabbiltà, inkluża l-aċċessibbiltà, jenħtieġ li jitqiesu fir-rigward ta’ dawk is-servizzi kif ukoll fir-rigward tal-għajxien indipendenti. L-FSE jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali b’mod partikolari biex tiġi promossa l-aċċessibbiltà tagħhom.

Membri jimplimentaw il-Garanzija għat-Tfal. Il-Garanzija għat-Tfal għandha baġit dedikat. L-FSE jenħtieġ li jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi, inkluż it-tisħiħ tal-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza kemm tas-servizzi tal-kura tas-saħħa kif ukoll tal-kura fit-tul. L-FSE jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta’ miżuri biex jeliminaw kull forma ta’ diskriminazzjoni u jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u b’mod partikolari għal gruppi li huma sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi. Id-disponibbiltà ta’ servizzi affordabbli, sostenibbli u ta’ kwalità għolja bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura barra mill-iskola, l-edukazzjoni, it-taħriġ, u l-kura tas-saħħa u fit-tul, b’mod partikolari s-servizzi tal-kura tal-familja u dawk ibbażati fil-komunità, hija kundizzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-FSE jenħtieġ li jiżgura li kulħadd, inkluż it-tfal f’konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, ikollu aċċess għal servizzi essenzjali ta’ kwalità tajba. Il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b’diżabbiltà, inkluża l-aċċessibbiltà, jenħtieġ li jitqiesu fir-rigward ta’ dawk is-servizzi kif ukoll fir-rigward tal-għajxien indipendenti. L-FSE jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali b’mod partikolari biex tiġi promossa l-aċċessibbiltà tagħhom.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Bl-għan li l-politiki jsiru aktar responsivi għall-bidla soċjali kif ukoll biex

jiġu mħeġġa u appoġġati soluzzjonijiet innovattivi, l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali huwa kruċjali. B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi qabel l-espansjoni tagħhom huma strumentali fit-titjib tal-effiċjenza tal-politiki. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom rwol ewlieni fit-twettiq tal-innovazzjoni soċjali u fit-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jintlaħqu livelli għoljin ta' inklużjoni soċjali-ekonomika fis-soċjetajiet, speċjalment billi tiġi appoġġata l-inklużjoni soċjali ta' gruppi f'pożizzjonijiet vulnerabbli.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li*** l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ***tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jużaw il-FSE biex jappoġġaw	(18) L-Istati Membri ***għandhom*** jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ***tal-programmi tagħhom***. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jużaw il-FSE biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-

azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.	ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv. ***L-implimentazzjoni tal-FSE jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji u l-valuri tal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw ukoll l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.***
	Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-kundizzjonalità soċjali tinkludi l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi d-dikjarazzjoni dwar dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), it-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol furzat, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u tal-allinjament mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.
	Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) ***Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u*** sħubija bejn ***l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi***, ***b'mod partikolari s-sħab*** soċjali ***u s-soċjetà*** ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri ***jħeġġu l-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali ***u*** tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.***]***	(23) ***L-implimentazzjoni tal-FSE hija bbażata fuq*** sħubija ***effettiva u strutturata*** bejn ***l-awtoritajiet pubbliċi***, ***is-sħab*** soċjali***,*** ***l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà*** ċivili ***u l-awtoritajiet lokali u reġjonali***. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri ***jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali***,*** tas-soċjetà ċivili ***u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali*** fl-implimentazzjoni tal-FSE ***u fl-iżvilupp ta' proġetti***. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Fond*** Soċjali Ewropew ***għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034 bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR], u b'mod partikolari l-punt (b) u (e) tiegħu***.	(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-Fond*** Soċjali Ewropew ***(il-"FSE")***.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ***l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) […] [il-Pjan SNR]***.	(2) Dan ***ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-FSE, il-baġit tiegħu għall-perjodu mill-2028 sal-2035, il-metodi ta' implimentazzjoni, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament***.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "apprendiment tul il-ħajja" tfisser apprendiment fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri, apprendiment formali, mhux formali u informali li jseħħ fl-istadji kollha tal-ħajja u li jirriżulta f'titjib jew aġġornament fl-għarfien, fil-ħiliet, fil-kompetenzi u fl-attitudnijiet jew fil-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali jew relatata mal-impjieg, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u gwida, inkluża l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni għall-adulti, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ambjenti oħra

ta' tagħlim barra l-edukazzjoni u t-taħriġ formali u tipikament jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u perkorsi ta' tagħlim flessibbli;

(2) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni, inklużi persuni apolidi u persuni b'nazzjonalità mhux determinata;

(3) "assistenza materjali bażika" tfisser oġġetti li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuna għal ħajja dinjituża, bħal ħwejjeġ, oġġetti tal-iġjene, inklużi prodotti tal-iġjene tan-nisa, u materjal tal-iskola;

(4) "grupp f'pożizzjoni żvantaġġata" tfisser grupp ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, inklużi persuni li qed iġarrbu jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni fid-diversi dimensjonijiet tagħha;

(5) "kompetenzi ewlenin" tfisser l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġ kull individwu, fi kwalunkwe stadju ta' ħajtu, għas-sodisfazzjoni u l-iżvilupp personali tiegħu, għal impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għal ċittadinanza attiva, jiġifieri, il-litteriżmu; il-multilingwiżmu; il-matematika, ix-xjenza, it-teknoloġija, l-arti u l-inġinerija; il-ħiliet diġitali; il-ħiliet fil-media; il-ħiliet personali, soċjali u fit-tagħlim dwar kif titgħallem; il-ħiliet fiċ-ċittadinanza attiva; l-intraprenditorija; il-kuxjenza u l-espressjoni kulturali u interkulturali; u l-ħsieb kritiku;

(6) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni bħal dawn, inklużi tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom tal-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati kunflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati l-persuni l-

aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi;

(7) "kundizzjonalità soċjali" tfisser rispett sħiħ għad-drittijiet u għall-prerogattivi tal-ħaddiema kif minquxa fil-dritt tal-Unjoni, nazzjonali u rilevanti ieħor u fi ftehimiet kollettivi applikabbli bħala kundizzjonalità għall-kisba ta' finanzjament pubbliku;

(8) "innovazzjoni soċjali" tfisser attività li hija soċjali kemm fir-rigward tal-għanijiet kif ukoll tal-mezzi tagħha, b'mod partikolari attività li għandha x'taqsam mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda li tikkonċerna prodotti, servizzi, prattiki u mudelli li fl-istess ħin tissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u toħloq relazzjonijiet jew kollaborazzjonijiet soċjali ġodda bejn organizzazzjonijiet pubbliċi, tas-soċjetà ċivili jew privati, biex b'hekk tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà u tixpruna l-kapaċità tagħha li taġixxi;

(9) "miżura ta' akkumpanjament" tfisser attività pprovduta flimkien mad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew ta' assistenza materjali bażika bl-għan li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali u li tikkontribwixxi biex jinqered il-faqar, bħar-referimenti lil servizzi soċjali u tas-saħħa jew l-għoti tagħhom, inkluż appoġġ psikoloġiku, jew l-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar is-servizzi pubbliċi jew pariri dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-unitajiet domestiċi;

(10) "esperimentazzjoni soċjali" tfisser intervent ta' politika li għandu l-għan li jipprovdi rispons innovattiv għall-ħtiġijiet soċjali, implimentat fuq skala żgħira u f'kundizzjonijiet li jippermettu li l-impatt tiegħu jitkejjel, qabel ma jiġi implimentat f'kuntesti oħra inklużi dawk ġeografiċi u settorjali, jew implimentat fuq skala akbar, jekk ir-riżultati juru li huma pożittivi;

(11) "sħubijiet transfruntiera" tfisser struttura ta' kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-sħab soċjali jew is-soċjetà ċivili li jinsabu f'mill-inqas

żewġ Stati Membri;

(12) "mikrointrapriża" tfisser intrapriża b'inqas minn 10 impjegati u b'fatturat annwali jew b'karta bilanċjali inqas minn EUR 2 000 000;

(13) "intrapriża soċjali" tfisser impriża, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha, inklużi intrapriżi tal-ekonomija soċjali, jew persuna fiżika li:

(a) f'konformità mal-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha, mal-istatuti tagħha jew ma' kwalunkwe dokument legali ieħor li jista' jwassal għal responsabbiltà skont ir-regoli tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita intrapriża soċjali, ikollha l-kisba ta' impatti soċjali li jistgħu jitkejlu u pożittivi, li jistgħu jinkludu impatti ambjentali, bħala l-objettiv soċjali primarju tagħha minflok il-ġenerazzjoni ta' profitt għal finijiet oħra, u li tipprovdi servizzi jew oġġetti li jiġġeneraw redditu soċjali jew tuża metodi ta' produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi li jinkorporaw objettivi soċjali;

(b) tuża l-profitti tagħha l-ewwel u qabel kollox biex tilħaq l-objettiv soċjali primarju tagħha, u jkollha proċeduri u regoli definiti minn qabel li jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-profitti ma timminax l-objettiv soċjali primarju;

(c) tiġi ġestita b'mod intraprenditorjali, parteċipattiv, responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi lill-ħaddiema, lill-klijenti u lill-partijiet ikkonċernati li l-attivitajiet kummerċjali tagħha jkollhom impatt fuqhom;

(15) "kost għax-xiri tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika" tfisser l-ispejjeż effettivi li huma marbuta max-xiri tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika mill-benefiċjarju u li mhumiex limitati għall-prezz tal-ikel u/jew tal-assistenza materjali bażika;

(16) "mikrofinanzjament" tinkludi garanziji, mikrokreditu, ekwità u kważi ekwità, akkoppjati ma' servizzi tal-żvilupp

kummerċjali ta' akkumpanjament bħal dawk ipprovduti fil-forma ta' konsulenza individwali, taħriġ u mentoraġġ, estiżi għal persuni u mikrointrapriżi li jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw il-kreditu għall-finijiet ta' attivitajiet professjonali u li jiġġeneraw dħul;

(17) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjoni appoġġata mill-baġit tal-Unjoni, inkluż fi ħdan faċilità jew pjattaforma ta' taħlit kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] (ir-Regolament Finanzjarju), li tgħaqqad forom ta' appoġġ jew strumenti finanzjarji mhux ripagabbli mill-baġit tal-Unjoni ma' forom ta' appoġġ ripagabbli minn istituzzjonijiet ta' żvilupp jew ta' finanzjament pubbliku oħra, kif ukoll minn istituzzjonijiet u investituri tal-finanzi kummerċjali;

(18) "entità ġuridika" tfisser persuna fiżika, jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 197(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;

(19) "rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż" tfisser ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati f'konformità mal-Artikoli 121(2) u 148(4) tat-TFUE relatati mal-isfidi strutturali kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet komplementari tal-Kummissjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b], li huma xierqa li jiġu indirizzati permezz ta' investimenti pluriennali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fondi kif stabbilit fir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond.

2. Fejn rilevanti, għandhom

japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-[Regolament PSNR].

[1a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1a] (ir-Regolament Finanzjarju) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

[1b] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1b
	Objettivi ġenerali tal-FSE
	1. Il-FSE għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u r-reġjuni biex jiksbu livelli għoljin ta' impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol b'hiliet speċjalizzati u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, kif ukoll

	soċjetajiet inklużivi u koeżivi li jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u li jwettqu l-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
	2. Il-FSE għandu jappoġġa, jikkomplementa u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni soċjali u inklużjoni. B'mod partikolari, għandu jippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, kif ukoll jiffoka fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal u fiż-żgħażagħ u aċċess għal servizzi bażiċi.
	3. Il-FSE għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri lejn il-kisba ta' inklużjoni soċjali u ekonomika għolja, speċjalment għal gruppi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ mill-FSE	***Objettivi speċifiċi tal-FSE***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)*** għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR].***	(1) ***Il-FSE*** għandu jappoġġa l-objettivi speċifiċi ***li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, inkluż il-kontribut għall-qerda tal-faqar:*** ***(a) it-titjib tal-aċċess għall-miżuri ta' impjieg u ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għal persuni qiegħda fit-tul u għal gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol, għal persuni b'diżabbiltà jew b'mard kroniku, u għal persuni inattivi, kif ukoll permezz tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti u tal-ekonomija soċjali;*** ***(b) l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u tas-servizzi tas-suq tax-xogħol biex jiġu vvalutati u antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiġu żgurati assistenza u appoġġ f'waqthom u mfassla apposta għall-adattament, għat-tranżizzjoni u għall-mobbiltà għas-suq tax-xogħol;*** ***(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni bilanċjata tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali, u bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż permezz tal-aċċess affordabbli għall-indukrar tat-tfal, u l-kura għal persuni dipendenti;*** ***(d) il-promozzjoni tal-adattament tal-ħaddiema, tal-intrapriżi u tal-intraprendituri, tat-tixjiħ attiv u san u ta' ambjent tax-xogħol b'saħħtu u adattat tajjeb li jindirizza r-riskji għas-saħħa;*** ***(e) it-titjib tal-kwalità, tal-inklużività, tal-effettività u tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ inkluż permezz tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, biex jiġi appoġġat l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin inklużi ħiliet intraprenditorjali u diġitali, u billi tiġi promossa l-***

introduzzjoni ta' sistemi ta' taħriġ doppju u apprendistati;

(f) il-promozzjoni tal-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, u t-tlestija tagħhom, b'mod partikolari għal gruppi f'pożizzjonijiet żvantaġġati, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal tul l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, sal-livell terzjarju, kif ukoll l-edukazzjoni u t-tagħlim għall-adulti, inkluż l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd u l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà;

(g) il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, b'mod partikolari opportunitajiet flessibbli ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għal kulħadd filwaqt li jitqiesu l-ħiliet intraprenditorjali u diġitali, l-antiċipazzjoni aħjar tal-bidla u tar-rekwiżiti ġodda tal-ħiliet abbażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn impjiegi u l-promozzjoni tal-mobbiltà professjonali;

(h) il-promozzjoni tal-impjiegi tan-nisa u l-inklużjoni soċjali u ekonomika tan-nisa;

(i) it-trawwim tal-inklużjoni attiva bl-għan li jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva, u t-titjib tal-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi f'pożizzjonijiet vulnerabbli;

(j) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(k) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom;

(l) it-titjib tal-aċċess ugwali u f'waqtu għal servizzi ta' kwalità, sostenibbli u affordabbli, inklużi servizzi li jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna inkluża l-kura tas-saħħa; l-immodernizzar tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluża l-promozzjoni tal-aċċess

	għall-protezzjoni soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u l-gruppi f'pożizzjoni żvantaġġata; it-titjib tal-aċċessibbiltà, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u s-servizzi tal-kura fit-tul;
	(m) il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali ta' persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, inklużi l-persuni l-aktar fil-bżonn u t-tfal;
	(n) l-indirizzar tal-privazzjoni materjali permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, inklużi t-tfal, u l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom;
	(o) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni ġusta permezz ta' taħriġ mill-ġdid u ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi fuq ix-xogħol deċenti;
	(p) l-indirizzar tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-fini tal-paragrafu 1, l-użu mill-FSE mill-Istati Membri għandu, għall-finijiet tal-Artikolu 2, il-punt (b) tar-Regolament XX [il-Pjan SNR], ikun ibbażat fuq il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) xxxx [Linji gwida dwar l-impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	***imħassar***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Baġit
	Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew għandu jkun ta' EUR 124 190 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
	Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal għandha tkun baġit dedikat ta' EUR 20 000 000 000.
	Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 8(1) għandha tkun ta' EUR 1 000 000 000.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Konċentrazzjonijiet tematiċi
	1. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 30 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE għall-objettivi speċifiċi għall-qasam ta' politika tal-inklużjoni soċjali stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punti (h) sa (o), inkluża l-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.
	2. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-

FSE tagħhom għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal. Dawk l-Istati Membri b'rata ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali ogħla mill-medja tal-Unjoni għandhom jallokaw 10 % tar-riżorsi tagħhom għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal.

3. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom għal miżuri mmirati biex tiġi indirizzata l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

4. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjieg taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari l-apprendistati, u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi għar-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, u l-edukazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Meta jimplimentaw l-azzjonijiet immirati u r-riformi strutturali imsemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità liż-żgħażagħ inattivi u qiegħda fit-tul u jistabbilixxu miżuri mmirati ta' sensibilizzazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE biex jindirizzaw il-privazzjoni materjali, inkluż permezz tal-għajnuna alimentari u l-assistenza materjali bażika. Ir-rata ta' kofinanzjament għal din il-konċentrazzjoni tematika għandha tkun ta' 90 %.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2c
	Metodi ta' implimentazzjoni
	1. Il-FSE għandu jiġi implimentat:
	(a) taħt ġestjoni kondiviża, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], għall-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament; kif ukoll
	(b) taħt ġestjoni diretta, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, għall-parti tal-assistenza li tikkorrispondi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.
	2. L-Artikolu 17(1), il-punt (3), tar-[Regolament PSNR] għandu japplika fil-każ ta' prefinanzjament tal-proġetti.

	[1a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Azzjonijiet innovattivi jistgħu jiġu pprogrammati taħt xi wieħed mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punti (a) sa (h).

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika ***f'kapitolu ddedikat wieħed jew aktar tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali***.	L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom, fejn xieraq, jistabbilixxu approċċ integrat biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni demografika***, bħal fis-swieq tax-xogħol u fil-pensjonijiet***.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Appoġġ għar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż
	L-azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż u fis-Semestru Ewropew għandhom jiġu pprogrammati taħt kwalunkwe wieħed mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

fejn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi jistgħu jintrabtu mal-EPSR.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Prinċipji orizzontali
	1. L-Istati Membri għandhom ifasslu l-miżuri fil-programm b'mod li jiżgura r-rispett għal:
	(a) il-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];
	(b) id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
	2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru jiġu kkunsidrati u promossi matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi kif ukoll għall-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, il-ġlieda kontra l-femminilizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
	3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni

bbażata fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar, u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-FSE.

4. Fl-implimentazzjoni tal-FSE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. L-Artikoli 8 u 9 tar-[Regolament PSNR] għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-implimentazzjoni tal-FSE.

[1a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5c
	Qafas Finanzjarju
	L-Artikoli 13, 14, 15, 16 tar-[Regolament PSNR] għandhom japplikaw mutatis mutandis għal dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5d
	Eliġibbiltà
	1. L-ispejjeż li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE b'ġestjoni kondiviża:
	(a) ix-xiri ta' art u proprjetà immobbli u kif ukoll infrastruttura; kif ukoll
	(b) ix-xiri ta' għamara, tagħmir u vetturi, ħlief meta tali xiri jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tal-operazzjoni, jew dawk l-oġġetti jiġu deprezzati għalkollox matul l-operazzjoni, jew ix-xiri ta' dawk l-oġġetti jkun l-aktar għażla ekonomika.
	2. Il-kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' allowances jew salarji żborżati minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni jistgħu jkunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE b'ġestjoni kondiviża dment li l-kontribuzzjonijiet in natura jiġġarrbu f'konformità mar-regoli nazzjonali, inklużi r-regoli tal-kontabbiltà, u ma jaqbżux l-ispiża mġarrba mill-parti terza.
	3. L-allokazzjoni addizzjonali speċifika li jirċievu r-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea għandha tintuża biex tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-

	Regolament.
	4. L-ispejjeż diretti tal-persunal għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni minn appoġġ ġenerali mill-fergħa tal-FSE b'ġestjoni kondiviża jekk ikunu f'konformità mal-prattika normali ta' remunerazzjoni tal-benefiċjarju għall-kategorija ta' funzjoni kkonċernata jew f'konformità mal-liġi nazzjonali, mal-ftehimiet kollettivi jew mal-istatistika uffiċjali applikabbli.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi ta' persuni bħal dawn, inkluż tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni mingħajr dar, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi li huma stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti filwaqt li jiġu evitati konflitti ta' interess, u li jistgħu jinkludu elementi li jippermettu li jiġu mmirati persuni l-aktar fil-bżonn f'ċerti żoni ġeografiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw parteċipazzjoni sinifikanti tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' appoġġ għal politiki ta' kwalità dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet u l-inklużjoni soċjali ***f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament XX [il-Pjan SNR]***.	***1. Kull Stat Membru għandu jorganizza u jimplimenta sħubija komprensiva f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tiegħu biex jiżgura*** parteċipazzjoni sinifikanti tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' appoġġ għal politiki ta' kwalità dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet u l-inklużjoni soċjali.
	Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Is-sħubijiet komprensivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas is-sħab li ġejjin:
	(a) l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;
	(b) is-sħab soċjali;
	(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, tad-drittijiet fundamentali, tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tan-nondiskriminazzjoni;
	(d) l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-universitajiet, fejn ikun xieraq.
	Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sħubijiet komprensivi msemmija fil-paragrafu 1 jikkonformaw ma' dan l-Artikolu matul il-fażijiet kollha, inklużi t-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet tal-Fond Soċjali Ewropew.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom tal-FSE għall-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż fil-forma ta' taħriġ, miżuri ta' networking, u tisħiħ tad-djalogu soċjali, u għal attivitajiet imwettqa b'mod konġunt mis-sħab soċjali. L-Istat Membru għandu jalloka ammont xieraq ta' mill-inqas 0,25 % tar-riżorsi tiegħu tal-FSE għal dak il-fini.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 TFUE (“il-Kumitat tal-FSE”) fir-rigward ***tal-appoġġ previst għall-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) [objettiv speċifiku – impjieg] tar-Regolament XX [il-Pjan SNR]***.	(1) 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 163 TFUE (“il-Kumitat tal-FSE”) fir-rigward ***tal-objettivi ta’ dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Tħejjija u sottomissjoni tal-Programm tal-FSE
	1. Kull Stat Membru għandu jħejji u jissottometti lill-Kummissjoni Programm tal-FSE li jistabbilixxi arranġamenti għall-użu tal-Programm b’mod effettiv u effiċjenti għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2028 sal-31 ta’ Diċembru 2034. L-Istat Membru għandu jippubblika l-Programm tal-Pjan sottomess lill-Kummissjoni.
	2. Kull programm tal-FSE għandu jistabbilixxi l-aġenda rilevanti tal-Istat Membru dwar ir-riformi, il-miżuri, l-investimenti u interventi oħra.
	3. Kull Stat Membru għandu jħejji u jimplimenta l-Programm tal-FSE tiegħu fi sħubija f’konformità mal-Artikolu 12, inkluża l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u f’konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tiegħu.
	4. Huma biss il-miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom bdiet mill-1 ta’ Jannar 2028 li għandhom ikunu eliġibbli

	għall-finanzjament dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Kontenut tal-Programm tal-FSE
	Kull Programm tal-FSE għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
	(a) sommarju tal-għażliet ta' politika u r-riżultati ewlenin mistennija għall-FSE;
	(b) komplementaritajiet bejn il-FSE u strumenti oħra tal-Unjoni;
	(c) l-allokazzjoni finanzjarja preliminari tal-FSE skont l-objettiv ta' politika fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitħarsu r-regoli speċifiċi għall-FSE dwar il-konċentrazzjoni tematika;
	(d) il-lista ta' programmi ppjanati fl-ambitu tal-FSE bl-allokazzjonijiet finanzjarji preliminari rispettivi u l-kontribuzzjoni nazzjonali korrispondenti skont il-kategorija tar-reġjuni;
	(e) sommarju tal-azzjonijiet li għandu jieħu l-Istat Membru kkonċernat biex isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tiegħu tal-implimentazzjoni tal-FSE.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8c
	Approvazzjoni tal-Programmi tal-FSE
	1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull Programm tal-FSE u għandha tiżgura li jikkonforma ma' dan ir-Regolament u ma' regoli applikabbli oħra. Il-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha għandha, b'mod partikolari, tqis ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż.
	2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kummenti fi żmien tliet xhur mid-data tas-sottomissjoni mill-Istat Membru tal-Programm tal-FSE tiegħu.
	3. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-Programm tal-FSE filwaqt li jqis kwalunkwe osservazzjoni li tkun saret mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 8d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8d
	Kumitat ta' monitoraġġ
	1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kumitat għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm ("kumitat ta' monitoraġġ"), f'konformità mal-Artikolu 55 tar-[Regolament PSNR].
	2. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova:
	(a) il-metodoloġija u l-kriterji użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluża kwalunkwe bidla fihom; fuq talba tal-Kummissjoni, il-metodoloġija u l-kriterji

użati għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluża kwalunkwe bidla fihom, għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel ma jiġu sottomessi lill-kumitat ta' monitoraġġ;

(b) il-pjan ta' evalwazzjoni u kwalunkwe emenda li ssir fih;

(c) kwalunkwe proposta mill-awtorità ta' ġestjoni għall-emenda ta' programm.

3. Il-kumitat ta' monitoraġġ jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità ta' ġestjoni, inkluż dwar miżuri biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 8e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8e
	Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità
	Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibilità tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-għodda ewlenija tal-UE biex isir investiment fin-nies, u jikkontribwixxi għal Ewropa aktar soċjali u inklużiva. Huwa fond li ili jaħdem biex jintlaħaq dan l-għan sa mill-ħolqien tiegħu fit-Trattat ta' Ruma tal-1958. Dan iservi bħala l-aktar għodda importanti biex jitwettaq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Bħala tali, għandu jkompli jkollu rwol ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) futur bħala fond separat u awtonomu. Meta applikabbli, ir-Regolament dwar il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali Reġjonali (ir-Regolament SNR) jiddefinixxi l-prinċipji funzjonali u orizzontali tal-FSE.

Fi żmien ta' kriżi, ir-riskju li ċittadini vulnerabbli jitħallew lura joħloq theddida ta' ħsara fit-tul għall-ekonomiji tagħna u daqqa ta' ħarta għall-kompetittività tal-Ewropa fix-xena dinjija. Ir-Rapporteurs huma tal-istess fehma tal-Kummissjoni li l-FSE jwieġeb għal "ħtieġa ekonomika"[1] biex jittejjeb l-aċċess għas-suq tax-xogħol, jitnaqqsu id-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema, u jiġu indirizzati r-rati persistenti ta' faqar, u b'hekk isir investiment fl-aħjar assi tal-Ewropa, il-kapital uman tagħha.

FSEmġedded għandu jkun kapaċi jwieġeb għal sfidi soċjali urġenti u huwa parti minn QFP aktar aġli li jtejjeb il-proċeduri għall-applikanti u l-benefiċjarji, inklużi benefiċjarji iżgħar b'inqas riżorsi u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-benefiċjarji, sakemm dan ma jikkawżax tnaqqis fid-drittijiet tagħhom.

Il-prijorità tal-Parlament għall-Fond Soċjali Ewropew hija li jkollu strument li kapaċi "jappoġġja lill-Istati Membri, lir-reġjuni, lill-komunitajiet lokali u lin-nies fit-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni u fil-ksib ta' żvilupp soċjoekonomiku li ma jħalli lil ħadd jibqa lura"[2]. L-investiment fin-nies ifisser it-titjib tal-aċċess għas-suq tax-xogħol billi jsir investiment fil-ħiliet, fil-mobbiltà u fl-inklużjoni u fil-mobbiltà soċjali, li jimxi id f'id mal-ġlieda kontra l-faqar, u b'hekk il-forza tax-xogħol tal-Ewropa ssir aktar reżiljenti.

Il-qerda tal-faqar fost it-tfal hija wkoll investiment fil-futur tal-Ewropa. Fl-2024, 1 minn kull 4 itfal fl-Unjoni Ewropea kienu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, ftit ogħla mir-rati tal-AROPE fil-popolazzjoni ġenerali. It-tfal li jesperjenzaw il-faqar huma f'riskju ta' impatti negattivi fuq l-iżvilupp, is-saħħa u l-prospetti tal-ħajja tagħhom, li jwasslu għal konsegwenzi kbar għal ħajjithom u għas-soċjetà kollha kemm hi. Ir-Rapporteurs iqisu li l-FSE jirrikjedi pakkett finanzjarju dedikat biex iwettaq b'mod effettiv u prevedibbli investimenti mmirati fejn huma l-aktar meħtieġa, b'mod partikolari billi jsaħħaħ l-appoġġ għall-Garanzija għat-Tfal, biex jikkontribwixxi lejn it-tkissir taċ-ċikli tal-faqar.

Ir-Rapporteurs jemmnu li l-miżuri tal-FSE għandhom jitfasslu f'konformità ma' objettivi ġenerali u speċifiċi biex jiġu ottimizzati l-investimenti diretti f'oqsma prijoritarji, u li r-regolament tal-FSE jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikahom. L-objettivi attwali tal-FSE+ jinżammu, biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-prevedibbiltà, iżda b'enfasi ġdida fuq it-taħriġ mill-ġdid u l-ħolqien tal-impjiegi, l-impjieg tan-nisa, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u l-inklużjoni ta' dawk li jbatu minn diżabbiltà u mard kroniku.

---

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) […] [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034, COM(2025) 558, 16.7.2025., Memorandum ta' Spjegazzjoni

[2] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2025 dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus wara l-2027 (2024/2077(INI)), ĠU C/2025/3146, 20.6.2025, para. 1

Barra minn hekk, ir-Rapporteurs introduċew mill-ġdid u saħħew id-delimitazzjoni għal oqsma prijoritarji bħall-Garanzija għat-Tfal, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, l-indirizzar tal-privazzjoni materjali, u t-tmiem tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

Għall-Garanzija għat-Tfal, l-Istati Membri għandhom jonfqu mill-inqas 5 % tal-allokazzjoni tagħhom tal-FSE għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal. Għal dawk l-Istati Membri b'rata ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali ogħla mill-medja tal-UE, dak il-perċentwal għandu jkun ogħla.

Għall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, l-Istati Membri għandhom jonfqu mill-inqas 15 % tal-allokazzjoni tagħhom tal-FSE. Iż-żamma ta' enfasi fuq il-ħiliet u l-appoġġ taż-żgħażagħ permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ se tindirizza l-problema tal-qgħad fost iż-żgħażagħ. Fi Frar 2026, il-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea kien ta' 15,3 %, meta mqabbel mar-rata ġenerali tal-qgħad ta' 6,2 %. Sadanittant, ir-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), filwaqt li naqset bil-mod, kienet ta' 9,0 % fl-2025, u dan jindika li l-ilħuq ta' żgħażagħ inattivi għadu prijorità.

F'konformità mas-sejħa tal-Parlament fir-rapport tiegħu 2024/2077(INI), ir-Rapporteurs jipproponu li 30 % tar-riżorsi jiġu assenjati għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, 5 % biex tiġi indirizzata l-privazzjoni materjali, inkluż permezz tal-għajnuna alimentari u l-assistenza materjali bażika, u 5 % biex tiġi indirizzata l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar. Il-FSE għandu jkompli jiffunzjona taħt ġestjoni kondiviża.

Il-mod kif jitfasslu l-miżuri tal-FSE huwa, fil-fehma tar-Rapporteurs, prinċipju ewlieni fl-iżgurar tat-twettiq u l-effettività tagħhom. Huwa għalhekk li jinżamm il-prinċipju tas-sħubija mill-programm attwali tal-FSE+, sabiex jiġi żgurat l-involviment sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati ħalli jgħinu lill-Istati Membri jidentifikaw u jilħqu lill-benefiċjarji, speċjalment dawk li huma emarġinati. Sabiex jgħin biex jinkiseb dan, il-FSE għandu jkompli jiffinanzja appoġġ li jilħaq lill-persuni l-aktar fil-bżonn mil-lat materjali, b'enfasi fuq it-tfal. Tali appoġġ jirrikjedi rata għolja ta' kofinanzjament ta' 90 % biex jiġi żgurat użu u twettiq affidabbli.

Ir-Rapporteurs jemmnu bis-sħiħ li l-finanzjament għandu jkun kundizzjonali fuq l-aderenza mal-istat tad-dritt, u l-FSE għandu jikkonforma mal-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt tar-Regolament PSNR. Ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema għandu jkun rekwiżit biex jirċievu finanzjament pubbliku, inkluż il-FSE. Il-miżuri tal-FSE għandhom jirrispettaw ukoll il-prinċipji ta' opportunità indaqs u nondiskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, filwaqt li jippromwovu wkoll l-aċċess għall-impjiegi għal persuni b'diżabbiltà u mard kroniku.

ANNESS: DIKJARAZZJONIJIET TA' KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteurs jiddikjaraw li fir-rapport tagħhom inkludew kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċevew, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Red Cross EU
European Association of Service providers for Persons with Disabilities (EASPD)
ETUC
Caritas Europa
Deutscher Caritasverband e. V.
Inclusion Europe
COFACE Families Europe
Eurochild
European Youth Forum
Special Olympics Europe Eurasia
European Anti-Poverty Network
European Disability Forum
Save the Children
PICUM
Eurocarers
European Association for the Education of Adults (EAEA)
Eurocities
European Food Banks Federation
CNV
DGB
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteurs.

Meta persuni fiżiċi jiġu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteurs jiddikjaraw li sottomettew lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).